**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Ottubru, 2016**

**Citazzjoni Nru: 2716/1997/2 AF**

**Joseph Demicoli**

**vs**

**Coleiro General Supplies Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Coleiro General Supplies Limited li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti giet notifikata bil-Mandat ta' Sekwestru fin-numru u fl-ismijiet premessi fl-ammont ta' mija u tmienja u hamsin elf Lira Maltin (Lm158,000); illi kontestwalment ma dan is-sekwestru, l-intimat Joseph Demicoli ittanta johrog Mandat ta' Inibizzjoni fuq il-proprjetà kollha tas-socjetà esponenti liema talba ghall-hrug tal-Mandat giet michuda u s-socjetà Coleiro General Supplies Limited apparti safar ta' Direttur stenniet l-ezitu tar-Rikors ghall-hrug tar-Rikors ghall-hrug tal-Inibizzjoni halli tkun tista' torjenta ruhha ahjar qabel ma bdiet din il-procedura.

L-esponenti qed tagixxi ghar-revoka in toto jew in parte tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju u dan tigà tezisti garanzija ohra xierqa biex tissodisfa l-pretensjoni tar-rikorrenti u jew li dik il-garanzija l-ohra tista’ tissodisfa l-pretensjoni tal-intimat, li l-ammont mitlub mhux prima facie gustifikat u jew eccessiv, li l-garanzija moghtija ghandha bir-rispett titqies sufficjenti mill-Qorti u ghaliex fic-cirkostanzi mhux ragonevoli li tinzamm fis-sehh u li l-att mhuwiex aktar mehtieg u jew gustifikabbli u dan a bazi tal-artikoli 836(1) (c) (d) (e) u (f) tal-Kodici ta’ Procedura Civili.

L-intimat Joseph Demicoli digà hareg sekwestru kawtelatorju 4907/99 ghall-ammont ta’ disa’ u sebghin elf Lira Maltin (Lm79,000) liema sekwestru gie prontament kawtelat b’garanzija bankarja; illi issa wara kwazi tliet snin, l-intimat ittanta johrog sekwestru kawtelatorju ghall-ammont ta’ Lm158,000.

Din id-darba l-esponenti ma gabitx garanzija bankarja u xtaqet titlob ir-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Thassar u tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju numru 1508/02 fl-ismijiet “Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited” u dan taht dawk il-provvedimenti u direttivi li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Rat ir-risposta ta’ Joseph Demicoli li taqra hekk:

L-esponenti gie notifikat bir-rikors li ghalih qed issir din ir-risposta fil-5 ta’ Awwissu 2002.

L-esponenti ma jaqbilx mat-talba tar-rikorrenti.

L-esponenti qabbad persuna kwalifikata u cioè awditur sabiex jippreparalu studju tad-danni li gew lilu kawzati b’rizultat tal-agir tas-socjetà konvenuta, skond kif dedotta fil-kawza fl-ismijiet premessi, u dan l-istudju gie pprezentat u konfermat bil-gurament minn dan l-istess awditur f’seduta apposta li

nzammet fil-11 ta' Lulju 2002 quddiem il-perit legali Dr. Mark Chetcuti LL.D – kopja ta' liema studju qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A".

Minn dan l-istess studju jirrizulta attwalment u ampjament li l-attur/esponenti sofra danni ammontanti ghall-Lm236,692 u stante li s-socjetà konvenuta già ikkawtelat is-somma ta' Lm79,000 l-attur talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju iehor fl-ammont bilancjali ta' Lm158,000.

Mir-risposti li taw tlieta mill-banek sekwestratarji jirrizulta li s-socjetà konvenuta ma giet b'ebda mod effettwata mill-effetti tal-imsemmi sekwestru – vide f'dan ir-rigward ir-risposti tal-istess bank li kopja taghhom qed tigi hawna esibita u markati rispettivament Dokument "B", "C" u "C" – baqa' biss il-bank HSBC biex jirrispondi ghax sa issa l-istess bank ghadu ma irrispondiex jew l-esponenti ghadu ma giex notifikat b'tali risposta.

Il-bazi ghat-talba tas-socjetà intimata, skond kif jirrizulta mill-istess rikors promotur huma is-subincizi (c), (d) (e) u (f) tal-artiklu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal- Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tas-subinciz (c) tal-imsemmi artiklu is-socjetà intimata qed tippretendi li hemm garanzija ohra xierqa sabiex tissodisfa il-pretensjoni tal-attur u jew hija sufficjenti sabiex tassigura bizzejjed il-pretensjoni tal-attur – l-ewwel nett jinghad li ma hemm ebda mandat kawtelatorju iehor ghall-ammont pretiz.  Fil-fatt l-esponenti talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex is-socjetà konvenuta ma tkunx tista' tiddisponi mill-proprjetà immobiljari taghha u dan gie michud. Inoltre bizzejjed jinghad, anzi jigi ripetut, illi attwalment – u dan jinghad fl-istess rikors promotur – l-ammont li hemm già garanzija dwaru huwa dak ta' Lm79,000 u mhux l-ammont pretiz b'dan il-mandat u cioè s-somma ta' Lm158,000.  Kwindi la hemm garanzija ohra xierqa u lanqas wahda biex tassigura bizzejjed il-pretensjoni attrici billi din hija ghas-somma komplessiva ta' Lm236,692.

Dwar is-subinciz (d) tal-istess artiklu s-socjetà rikorrenti ma werietx, prima facie, li l-ammont mitlub huwa eccessiv jew li mhux gustifikat – jigi sottomess, bl-akbar rispett, illi l-ammont pretiz la huwa eccessiv u lanqas ingustifikat. Kien jispetta lis-socjetà rikorrenti/konvenuta li turi dan a sodisfazzjoni tal-Qorti u mhux lill-esponenti li jipprova l-kuntrarju. Il-kliem testwali tal-ligi huwa "if it is shown". L-esponenti ma jieqafx hawn u jistrieh fuq il-mero fatt li s-socjetà konvenuta ma wrietx a sodisfazzjon tal-Qorti prima facie li l-ammont huwa eccessiv jew mhux gustifikat. Infatti kien ghalhekk li l-esponenti qabbad nies kwalifikati sabiex jippreparawlu l-bazi ghall-pretensjoni tieghu. L-esponenti ma riedx ikun kapriccjuz u jitfa' figura hu bl-addocc ghax ihoss li dik hija l-figura li bata' bhala danni. L-esponenti ried ikun kawt fil-pretensjoni tieghu u ghalhekk mexxa bil-mod u fil-hin li mexxa u cioè wara li ha parir meqjus ta' persuna kwalifikata.

Dwar is-subinciz (e) tal-istess artiklu u cioè li l-garanzija già moghtija hija sufficjenti sabiex tissalvagwardja il-pretensjoni attrici, jerga jigi ribadit illi l-ammont li qed tintalab garanzija ghalih huwa dak li mhux già kopert bil-garanzija già moghtija.

Fl-ahhar nett dwar is-subinciz (f) tal-istess artiklu s-socjetà rikorrenti/konvenuta trid turi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi "fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."

Kif già intwera lil din l-Onorabbli Qorti l-att kawtelatorju l-iehor li ippropona l-attur esponenti u cioè il-mandat ta' inibizzjoni li permezz iteghu kien gie mitlub li s-socjetà rikorrenti/konvenuta tinzamm milli tiddisponi b'xi mod minn kwalsiasi proprjetà immobiljara taghha gie michud u kwindi l-esponenti, illum, jinsab skopert, in kawtela tal-pretensjoni teighu fis-somma mhux zghira ta' Lm158,000.

Huwa sottomess bir-rispett illi bit-tnehhija ta' dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u cioè jekk din il-Qorti ikollha tilqa' t-talba tar-rikorrenti/socjetà konvenuta, kif kontenuta, f'dan ir-rikors isegwi li l-pretensjoni attrici tisfuma fix-xejn, fl-

eventwalità li t-talba tieghu tigi akkolta definittivament fil-kawza, kif huwa sottomess li ghandha tigi milqugha.

Ir-ragunament tal-Qorti, anke kif presjeduta, kontenuta fid-Digriet taghha tat-20 ta' Mejju 2002, rigwardanti talba simili ghall-mandat originali ghandhom japplikaw, anzi ghandhom japplikaw multo magis, f'dan il-kaz u ghalhekk it-talba tas-socjetà rikorrenti/konvenuta ma tistax u ma ghandhiex tigi milqugha.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottometti bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tichad it-talba kif u minn min maghmula kontra l-istess socjetà konvenuta u dan isir taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi dan ir-rikors sar abbażi tal-artikolu 836(1) (c) (d) (e) u (f) tal-Kodiċi dwar Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi:-

> *"836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin: ... (c) jekk jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju ieħor jew inkella dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni; (d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; (e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed; jew (f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Minkejja li jirriżulta mill-atti ta' dan ir-rikors illi l-mertu ta' dawn il-proċeduri hija sempliċiment talba magħmula mir-rikorrenti għall-ħruġ ta' kontro-mandat, jiġifieri l-Qorti kellha tindaga biss jekk jeżistux *prima facie* raġunijiet ai termini tal-artikolu 836 (c), (d), (e) u (f), imsemmija mir-rikorrenti, sabiex jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1508/2002, jirriżulta li dan ir-rikors tħalla ghal snin twal, minn Qorti diversament presjeduta, jimxi inutilment mal-kawża prinċipali dwar il-mertu, liema kawża qed tingħata sentenza dwarha wkoll illum.

Issa, kif ingħad fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Desmond Stanley Stuart vs Therese Mangion Galea, tad-29 ta' Lulju 2005:

> "*Il-ħtiġijiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu.*"

Dwar dawn il-proċeduri, il-Qorti tirrileva li kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-provedimenti tagħha fil-proċeduri fl-ismijiet Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et u Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et, tal-10 ta' Mejju 2001 u 29 ta' Novembru 2001 rispettivament:

> "*...mid-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie' u dan ghaliex il-mertu kollu jiġi nverstigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza propja.*"

L-istess Qorti fil-provediment fl-ismijiet Tanya Chetcuti pro et noe vs Hugo Chetcuti tas-27 ta' Ġunju 2002 qalet ukoll illi:

> *"...fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa ovjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, għall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001". Vide wkoll ("Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian" – tat-30 ta' Mejju 2002 per Onor Imhallef Dr R.C. Pace) kif ukoll "John Zarb vs Port Cottonera Ltd" tas-16 ta' Settembru 2002 per Onor Imhallef Dr. T. Mallia)."*

Għaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti taħt din ir-raġuni ma tistax tintlaqa'.

Dwar l-Art. 836(1)(d), il-Qorti tirreferi ghal dak li gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet Desmond Stanley Stuart vs Therese Mangion Galea imsemmija:

> *"L-artikolu 836(1)(d) jiddisponi li Mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m'huwiex prima facie ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siwi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti."*

Huwa paċifiku għalhekk li f'proċeduri bħal ma huma dawn odjerni, il-Qorti ma teżaminax il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, u dan minkejja ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ fejn din il-Qorti llum ippronunzjat ruħha wkoll proprju dwar il-mertu fil-kawża proprja.

F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi prodotti mill-eżekutant Joseph Demicoli, mad-daqqa t'għajn jidher li huwa kellu l-jedd li jitlob il-ħruġ ta' dan il-mandat hafna snin ilu. Madanakollu, kif intqal aktar 'il fuq, is-sentenza fuq il-mertu qeghda tigi deciza llum stess u ghalhekk l-iskrutinju tal-Qorti sar u rrizulta illi dwar il-mertu l-intimat odjern m'ghandux ragun.

Dwar l-Art. 836(1)(f), il-Qorti tirreferi ghall-provediment li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċeduri fl-ismijiet Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et, tat-30 ta' April 2015 ingħad hekk:

> *"Kwantu ghall-artiklu 836(1)(f) tal-Kap.12. gie kostantament ritenut mill-Qrati taghna, ad ezempju, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "Spiteri v Darmanin " - (PA (JRM) dec. fil-25 ta' Awwissu "Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

Fil-kaz in ezami, il-Qorti ssib li dan it-tibdil sehh precizament illum bil-pronunzjament tas-sentenza fil-mertu bejn il-partijiet.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi thassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1508/02.

Fic-cirkostanzi, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF

DEP/REG